REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/776

tal-11 ta' Mejju 2021

li jistabbilixxi mudelli għal ċerti formoli kif ukoll regoli tekniċi għall-iskambju effettiv ta' informazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2018/1672 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kontrolli fuq flus kontanti dħlin fl-Unjoni jew ħerġin mill-Unjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1672 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar kontrolli fir-rigward ta' flus kontanti dħlin fl-Unjoni jew ħerġin mill-Unjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 16(1)(a), (c), (d) u (e) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2018/1672 jipprevedi sistema ta' kontrolli fir-rigward ta' flus kontanti akkumpanjati jew mhux akkumpanjati ta' valur ta' EUR 10 000 jew aktar dħlin jew ħerġin mill-Unjoni, biex tikkomplementa l-qafas legali għall-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu stabbilit fid-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(2) Minbarra l-elementi tad-*data* elenkati fl-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2018/1672, l-elementi tad-*data* speċifiċi li ġejjin jenħtieġ li jiġu inklużi fil-formola rilevanti biex jiġi identifikat it-trasportatur, id-dikjarant, is-sid, min jibgħat jew ir-riċevitur, skont il-każ: in-numri ta' identifikazzjoni personali u l-ġeneru għall-persuni fiżiċi, in-numri tar-reġistrazzjoni u tal-identifikazzjoni tal-operaturi ekonomiċi, l-isem tar-reġistru u l-pajjiż tar-reġistrazzjoni għall-persuni ġuridiċi, il-pajjiż tal-ħruġ u d-data tal-ħruġ għad-dokumenti ta' identifikazzjoni, in-numru tat-telefown u l-indirizz tal-posta elettronika bħala dettalji ta' kuntatt, in-numru ta' referenza u l-kumpanija tat-trasport għall-mezzi tat-trasport. L-inklużjoni ta' dawk l-elementi tad-*data* hija meħtieġa sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' żbalji fir-rigward tal-identità u tad-dewmien f'każ ta' verifika sussegwenti, kif ukoll għall-finijiet ta' analiżi tar-riskju u biex tittejjeb l-effikaċja tal-qafas komuni tal-ġestjoni tar-riskju msemmi fl-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) 2018/1672.

(3) Sabiex jiġu indirizzati każijiet fejn ikun hemm diversi sidien, riċevituri jew riċevituri intenzjonati jew tipi differenti ta' flus kontanti, u l-ispazju disponibbli fil-formola tad-dikjarazzjoni jew fil-formola ta' divulgazzjoni ma jkunx biżżejjed, id-dikjaranti jenħtieġ li jkunu meħtieġa jużaw folji addizzjonali li jenħtieġ li jinħemżu mal-formola bħala parti integrali minnha. Sabiex jiġi żgurat approċċ armonizzat fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kontrolli u l-ipproċessar, it-trażmissjoni u l-analiżi tad-dikjarazzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri kollha, huwa xieraq li jiġu stabbiliti mudelli għall-iskedi addizzjonali.

(4) Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jittrażmettu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(3) tar-Regolament (UE) 2018/1672, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra u fejn applikabbli lill-Kummissjoni, lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u lill-Europol, meta dawn ikunu kompetenti biex jaġixxu, jenħtieġ li jiġi stabbilit il-mudell għall-formola għat-trażmissjoni ta' tali informazzjoni. L-għan ta' dik il-formola huwa li tiżgura l-ġbir preċiż u uniformi u t-trażmissjoni effettiva tal-informazzjoni miksuba skont l-Artikolu 5(3), l-Artikolu 6(1) jew l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2018/1672 u tad-dikjarazzjonijiet miksuba skont l-Artikolu 3 jew 4 ta' dak ir-Regolament, fejn ikun hemm indikazzjonijiet li l-flus kontanti jkunu relatati ma' attività kriminali. Barra minn hekk, il-formola jenħtieġ li tintuża għat-trażmissjoni ta' informazzjoni anonimizzata dwar ir-riskju u r-riżultati tal-analiżi tar-riskju, imsemmija fl-Artikolu 10(1)(d) ta' dak ir-Regolament.

(5) Minħabba l-kontenut differenti tal-informazzjoni li jenħtieġ li tiġi trażmessa u l-frekwenza differenti tat-trażmissjoni, il-formola jenħtieġ li tikkonsisti f'żewġ partijiet. L-ewwel parti tal-formola hija maħsuba għat-trażmissjoni tal-informazzjoni skont il-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament. Bħala parti integrali ta' dik il-formola għall-użu uffiċjali, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti, skont iċ-ċirkostanzi fattwali, jittrażmettu wkoll dikjarazzjoni *ex officio* magħmula skont l-Artikolu 5(3), ir-reġistrazzjoni tal-informazzjoni skont l-Artikolu 6(1) jew l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2018/1672, u d-dikjarazzjonijiet miksuba skont l-Artikoli 3 u 4 ta' dak ir-Regolament meta jkun hemm indikazzjonijiet li l-flus kontanti jkunu relatati ma' attività kriminali. Sabiex tiġi żgurata r-reġistrazzjoni

([1]) ĠU L 284, 12.11.2018, p. 6.

([2]) Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73)

uniformi tal-informazzjoni skont l-Artikolu 6(1) jew l-Artikolu 6(2) ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jużaw ukoll l-istess formoli biex jirreġistraw id-dettalji meħtieġa. It-tieni parti tal-formola hija maħsuba għat-trażmissjoni perjodika ta' informazzjoni anonimizzata dwar ir-riskju u r-riżultati tal-analiżi tar-riskju skont l-Artikolu 10(1)(d) tar-Regolament (UE) 2018/1672.

(6) Sabiex tiġi stabbilita t-trażmissjoni teknika b'mezzi elettroniċi tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2018/1672 mill-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru lill-Unità tal-Intelligence Finanzjarja tal-Istat Membru rispettiv, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli tekniċi għall-iskambju mingħajr xkiel ta' informazzjoni permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali (CIS) stabbilita skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 ([3]). Dawk ir-regoli għandhom l-għan li jnaqqsu l-piż amministrattiv għall-Istati Membri. L-istess regoli jenħtieġ li japplikaw għat-trażmissjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1)(a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) 2018/1672. It-trażmissjoni ta' informazzjoni anonimizzata dwar ir-riskju u r-riżultati tal-analiżi tar-riskju msemmija fl-Artikolu 10(1)(d) tar-Regolament (UE) 2018/1672, jenħtieġ li ssir ukoll permezz tas-CIS f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 515/97.

(7) Sabiex l-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru jkunu jistgħu jittrażmettu lill-Kummissjoni informazzjoni statistika anonimizzata rigward id-dikjarazzjonijiet, il-kontrolli u l-ksur imsemmija fl-Artikolu 18(1)(c) tar-Regolament (UE) 2018/1672, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli. Għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2018/1672, l-att li l-informazzjoni rilevanti ssir disponibbli b'mod elettroniku għall-Kummissjoni jenħtieġ li jitqies bħala skambju suffiċjenti tal-informazzjoni, mingħajr il-ħtieġa tal-adozzjoni tal-format imsemmi fl-Artikolu 16(1)(e) tar-Regolament (UE) 2018/1672.

(8) Meta wieħed iqis li r-Regolament (UE) 2018/1672 jenħtieġ li japplika mit-3 ta' Ġunju 2021, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mill-istess data.

(9) Fejn huwa meħtieġ għall-finijiet ta' dan ir-Regolament li tiġi pproċessata *data* personali, dan jenħtieġ li jitwettaq skont il-liġi applikabbli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali. Kwalunkwe pproċessar ta' *data* personali bbażat fuq dan ir-Regolament huwa soġġett għar-Regolamenti (UE) 2016/679 ([4]) u (UE) 2018/1725 ([5]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-ipproċessar mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-ipproċessar fis-CIS, rispettivament.

(10) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-opinjoni tiegħu fit-12 ta' Frar 2021.

(11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Kontroll fuq il-Flus Kontanti, stabbilit bir-Regolament (UE) 2018/1672,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Formola ta' dikjarazzjoni

Il-formola tad-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) 2018/1672 ("formola tad-dikjarazzjoni") għandha tikkonforma mal-mudell stabbilit fil-Parti 1 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament u għandha timtela skont in-noti dwar il-mili speċifikati fiha.

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-koperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli (ĠU L 82, 22.3.1997, p. 1).

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

([5]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Artikolu 2

Formola ta' divulgazzjoni

Il-formola ta' divulgazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2018/1672 ("formola ta' divulgazzjoni") għandha tikkonforma mal-mudell stabbilit fil-Parti 2 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament u għandha timtela skont in-noti dwar il-mili speċifikati fiha.

Artikolu 3

Folji addizzjonali għall-formoli

Meta l-ispazju disponibbli fil-formola tad-dikjarazzjoni jew fil-formola ta' divulgazzjoni, skont il-każ, ma jkunx biżżejjed, għandhom jintużaw folji addizzjonali bħal fil-mudelli stabbiliti fil-Parti 3 jew il-Parti 4 tal-Anness I, rispettivament. Meta jiġu mehmuża folji addizzjonali ma' dikjarazzjoni jew ma' formola ta' divulgazzjoni, dawn għandhom jitqiesu bħala parti integrali minnha.

Artikolu 4

Formoli għall-użu uffiċjali

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw il-formola għall-użu uffiċjali bħal fil-mudell stabbilit fil-Parti 1 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament biex jirreġistraw u jittrażmettu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1)(a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) 2018/1672.

2. Meta l-obbligu tad-dikjarazzjoni ta' flus kontanti akkumpanjati skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1672 jew l-obbligu ta' divulgazzjoni ta' flus kontanti mhux akkumpanjati skont l-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament ma jkunx ġie ssodisfat u l-awtoritajiet kompetenti jkunu meħtieġa, skont l-Artikolu 5(3) ta' dak ir-Regolament, jagħmlu dikjarazzjoni *ex officio*, huma għandhom jużaw il-mudell stabbilit fil-Parti 1 jew il-Parti 2 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament u, jekk ikun meħtieġ skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, il-mudell stabbilit fil-Parti 3 jew il-Parti 4 ta' dak l-Anness, rispettivament. Dikjarazzjoni magħmula skont dan il-paragrafu għandha tiġi mehmuża ma' u trażmessa mal-formola għall-użu uffiċjali msemmija fil-paragrafu 1.

3. Meta l-awtoritajiet kompetenti jidentifikaw portatur b'ammont ta' flus kontanti taħt il-limitu msemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1672 u jkun hemm indikazzjonijiet li l-flus kontanti huma relatati ma' attività kriminali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw il-mudell stabbilit fil-Parti 1 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament u, jekk meħtieġ skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, il-mudell stabbilit fil-Parti 3 ta' dak l-Anness biex jirreġistraw din l-informazzjoni. Ir-reġistrazzjoni tal-informazzjoni skont dan il-paragrafu għandha tiġi mehmuża mal-formola għall-użu uffiċjali msemmija fil-paragrafu 1 u għandha tiġi trażmessa magħha.

4. Meta l-awtoritajiet kompetenti jsibu li flus kontanti mhux akkumpanjati taħt il-livell limitu msemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/1672 deħlin jew ħerġin mill-Unjoni u li hemm indikazzjonijiet li l-flus kontanti huma relatati ma' attività kriminali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw il-mudell stabbilit fil-Parti 2 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament u, jekk meħtieġ skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, il-mudell stabbilit fil-Parti 4 ta' dak l-Anness biex jirreġistraw din l-informazzjoni. Ir-reġistrazzjoni tal-informazzjoni, skont dan il-paragrafu għandha tiġi mehmuża mal-formola għall-użu uffiċjali msemmija fil-paragrafu 1 u għandha tiġi trażmessa magħha.

5. Fejn l-awtoritajiet kompetenti jsibu li għal dikjarazzjoni miksuba skont l-Artikolu 3 jew 4 tar-Regolament (UE) 2018/1672 hemm indikazzjonijiet li l-flus kontanti huma relatati ma' attività kriminali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jehmżu d-dikjarazzjoni u jibagħtuha bil-formola għall-użu uffiċjali msemmija fil-paragrafu 1.

6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw il-formola għall-użu uffiċjali għat-trażmissjoni ta' informazzjoni anonimizzata dwar ir-riskju u r-riżultati tal-analiżi tar-riskju, bħal fil-mudell stabbilit fil-Parti 2 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament biex jirreġistraw l-informazzjoni anonimizzata dwar ir-riskju u r-riżultati tal-analiżi tar-riskju msemmija fl-Artikolu 10(1)(d) tar-Regolament (UE) 2018/1672.

Artikolu 5

Skambju ta' informazzjoni permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrażmettu l-informazzjoni rreġistrata skont l-Artikoli 3 u 4, l-Artikolu 5(3) u l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2018/1672 lis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali (CIS) fi kwalunkwe wieħed mill-modi li ġejjin:

(a) billi tiddaħħal l-informazzjoni manwalment permezz tal-interfaċċa tal-utent tas-CIS fuq l-internet;

(b) billi tiġi esportata l-informazzjoni mis-sistema/i nazzjonali u tiġi importata fis-CIS billi jintuża l-format tad-*data* tas-CIS XML;

(c) billi tiġi konnessa s-sistema/i nazzjonali direttament mas-CIS permezz ta' interfaċċa tas-sistema mas-sistema pprovduta mis-CIS.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrażmettu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2018/1672 lill-Unità tal-Intelligence Finanzjarja (FIU) tal-Istat Membru li fih tkun inkisbet billi jittrażmettuha lis-CIS f'konformità mal-paragrafu 1.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrażmettu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1)(a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) 2018/1672 lill-Istati Membri l-oħra billi jgħadduha lis-CIS skont il-paragrafu 1.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrażmettu elettronikament l-informazzjoni anonimizzata dwar ir-riskju u r-riżultati tal-analiżi tar-riskju msemmija fl-Artikolu 10(1)(d) tar-Regolament (UE) 2018/1672 permezz tas-CIS lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra.

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu disponibbli l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2018/1672 lir-riċevituri msemmija fl-Artikolu 10(2) ta' dak ir-Regolament, billi jgħadduha lis-CIS f'konformità mal-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu, rispettivament, fejn ikun hemm indikazzjonijiet li l-flus kontanti huma relatati ma' attività kriminali li tista' taffettwa ħażin l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

6. Id-data tat-trażmissjoni elettronika skont il-paragrafi 1, 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu għandha titqies bħala d-data tat-trażmissjoni tal-informazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 9(3) u l-Artikolu 10(4) u (5) tar-Regolament (UE) 2018/1672.

Artikolu 6

Informazzjoni statistika anonimizzata

1. Is-sors tad-*data* għall-informazzjoni statistika anonimizzata għandu jkun id-dikjarazzjonijiet, id-dikjarazzjonijiet tad-divulgazzjoni, id-dikjarazzjonijiet *ex officio* skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2018/1672, ir-reġistrazzjonijiet skont l-Artikolu 6 ta' dak ir-Regolament u kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli fis-CIS.

2. It-trażmissjoni tal-informazzjoni lis-CIS b'tali mod li tkun disponibbli għall-Kummissjoni għandha titqies bħala trażmissjoni tal-informazzjoni rilevanti kif previst fl-Artikolu 18(1)(c) tar-Regolament (UE) 2018/1672.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu ttrażmettew lis-CIS informazzjoni dwar id-dikjarazzjonijiet, il-kontrolli u l-ksur kollha fil-perijodu ta' referenza inkwistjoni u għandhom jinnotifikaw immedjatament lill-Kummissjoni f'każ li d-*data* fis-CIS tkun soġġetta għal reviżjoni.

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-3 ta' Ġunju 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Mejju 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

PARTI 1

	DIKJARAZZJONI TA' FLUS KONTANTI L-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1672		
	Għall-użu uffiċjali	Numru ta' referenza	

1. Jien qed	☐ niddħol fl-Unjoni Ewropea (UE)	☐ noħroġ mill-UE

2. Dettalji tal-portatur tal-flus kontanti				
Isem jew ismijiet			Nazzjonalità	
Kunjom jew kunjomijiet			Numru tal-Identifikazzjoni Personali*	
Ġeneru	☐ raġel ☐ mara ☐ oħrajn		Indirizz Triq* u numru*	triq / numru
Data tat-twelid	JJ XX SSSS		Belt	
Post tat-twelid	belt / pajjiż		Kodiċi postali / ZIP*	
Dokument tal-ID	☐passaport ☐Karta tal-identità ☐oħrajn(speċifika)_____		Pajjiż	
Numru tad-dokument tal-identità			Numru tat-telefon*	
Pajjiż tal-ħruġ			Indirizz tal-email*	
Data tal-ħruġ	JJ XX SSSS			

3. Dettalji tat-trasport					
Pajjiż tal-ewwel tluq			Data tat-tluq	JJ XX SSSS	
Pajjiż tad-destinazzjoni finali			Data tal-wasla	JJ XX SSSS	
Tgħaddi minn (pajjiżi ta' tranżitu)*			Data ta' tranżitu*	JJ XX SSSS	
Mezz tat-trasport	☐ AJRU (speċifika) ☐ titjira kummerċjali ☐ ġett privat ☐ oħrajn	☐ BASTIMENT / XMARA (speċifika) ☐ bastiment kummerċjali ☐ jott ☐ kruċiera ☐ oħrajn	☐ FERROVIJA	☐ TRIQ (speċifika) ☐ trakk ☐ karozza tal-linja ☐ karozza ☐ oħrajn	☐ OĦRAJN (speċifika) _____
Itinerarju tat-trasport	Isem/post tal-ewwel ajruport/port/stazzjon tal-ferrovija tat-tluq				
	Isem/post tal-aħħar ajruport/port/stazzjon tal-ferrovija tal-wasla				
	Isem/post tal-ajruport/port/stazzjon tal-ferrovija tat-tranżitu				
	Punt ta' qsim tal-fruntiera fuq l-art (bit-triq biss)				
Numru ta' referenza (eż. in-numru tat-titjira, l-identifikazzjoni tal-bastiment, in-numru tal-ferrovija, il-kodiċi tal-pajjiż u l-pjanċa tal-liċenzja)					
Kumpanija tat-trasport*					

4. Dettalji tal-flus kontanti					
Munita (karti tal-flus u muniti)	Valur	Munita	Valur	Munita	
	1)		3)		
	2)		4)		
Strumenti negozjabbli għall-portatur	Tip ta' strument negozjabbli għall-portatur		Valur	Munita	
Komoditajiet użati bħala ħażniet likwidi ħafna ta' valur (eż. deheb)	Tip	Kwantità	Piż totali (fi grammi)	Valur	Munita

*Jekk applikabbli jew disponibbli. Jekk mhux applikabbli jew disponibbli, indika "M/A".

5. Provenjenza ekonomika u l-użu mistenni tal-flus kontanti (hija possibbli aktar minn għażla waħda f'kull Subtaqsima 5.A u 5.B)	
5.A. Provenjenza ekonomika (Din is-Subtaqsima timtela meta jkun hemm sid wieħed biss. Jekk ikun hemm aktar minn sid wieħed, l-informazzjoni trid timtela permezz ta' folji addizzjonali. F'dan il-każ, immarka "oħrajn" u speċifika "folji addizzjonali")	5.B. Użu mistenni (Din is-Subtaqsima timtela meta jkun hemm riċevitur mistenni wieħed biss. Jekk ikun hemm aktar minn riċevitur mistenni wieħed, l-informazzjoni trid timtela permezz ta' folji addizzjonali. F'dan il-każ, immarka "oħrajn" u speċifika "folji addizzjonali")
☐ Qligħ mix-xogħol (introjtu, irtirar, introjtu mill-intraprenditorija eċċ.) ☐ Qligħ kapitali (dividendi, profitti mill-investiment, imgħax, assigurazzjoni eċċ.) ☐ Bejgħ ta' proprjetà immobbli ☐ Bejgħ ta' proprjetà mobbli ☐ Self mogħti minn persuna fiżika ☐ Self mogħti minn entità legali (istituzzjoni ta' kreditu, bank jew kumpanija) ☐ Lotterija / logħob tal-azzard ☐ Rigal / donazzjoni ☐ Wirt ☐ Oħrajn (speċifika)_____	☐ Spejjeż tax-xogħol (pagamenti tas-salarji, negozju ta' investiment eċċ.) ☐ Investiment kapitali (depożiti fil-kont bankarju, pagamenti tal-assigurazzjoni eċċ.) ☐ Fondi għax-xiri ta' propjetà immobbli ☐ Fondi għax-xiri ta' propjetà mobbli ☐ Ħlas lura ta' self mogħti minn persuna fiżika ☐ Ħlas lura ta' self mogħti minn entità ġuridika (istituzzjoni ta' kreditu, bank jew kumpanija) ☐ Lotterija / logħob tal-azzard ☐ Karità ☐ Flus lill-kaptan tal-vapur / flus kontanti abbord ☐Vaganza / rikreazzjoni ☐ Trasferiment ta' flus kontanti minn kurriera tal-flus professjonali (kumpaniji tal-kambju tal-munita) ☐ Trasferiment ta' flus kontanti minn kurriera professjonali ta' flus kontanti (oħrajn) ☐ Oħrajn (speċifika)_____

6. Sid il-flus kontanti: Inti l-uniku sid tal-flus kontanti?	
☐ Iva, jien is-sid uniku	→ Mur għat-Taqsima 7
☐ Le, is-sid uniku huwa persuna fiżika oħra	→ Imla s-Subtaqsima 6.A
☐ Le, is-sid uniku huwa persuna ġuridika	→ Imla s-Subtaqsima 6.B
☐ Le, hemm iżjed minn sid wieħed	→ Imla n-numru totali ta' sidien hawn taħt u uża folji addizzjonali biex timla d-dettalji tagħhom. Mur għat-Taqsima 7.

Numru totali ta' sidien:	

6.A. Is-sid huwa persuna fiżika			
Isem jew ismijiet			
Kunjom jew kunjomijiet			
Ġeneru	☐ raġel ☐ mara ☐ oħrajn		
Data tat-twelid	JJ XX SSSS		
Post tat-twelid	belt	pajjiż	
Dokument tal-ID	☐passaport	☐Karta tal-identità	☐oħrajn(speċifika) _____
Numru tad-dokument tal-identità			
Pajjiż tal-ħruġ			
Data tal-ħruġ	JJ XX SSSS		
Nazzjonalità			
Numru tal-Identifikazzjoni Personali*			
Indirizz Triq* u numru*	triq		numru
Belt			
Kodiċi postali / ZIP*			
Pajjiż			
Numru tat-telefon*			
Indirizz tal-email*			

7. Ir-riċevitur mistenni tal-flus kontanti: Inti l-uniku riċevitur mistenni tal-flus kontanti?	
☐ Iva, jien ir-riċevitur mistenni uniku għall-flus kontanti kollha	→ Mur għat-Taqsima 8
☐ Le, ir-riċevitur mistenni uniku huwa s-sid uniku	→ Mur għat-Taqsima 8
☐ Le, ir-riċevitur mistenni uniku huwa persuna fiżika oħra	→ Imla s-Subtaqsima 7.A
☐ Le, ir-riċevitur mistenni uniku huwa persuna ġuridika	→ Imla s-Subtaqsima 7.B
☐ Le, hemm aktar minn riċevitur wieħed mistenni	→ Imla n-numru totali ta' riċevituri mistennija hawn taħt u uża folji addizzjonali biex timla d-dettalji tagħhom. Mur għat-Taqsima 8.

Numru totali ta' riċevituri mistennija:	

7.A. Ir-riċevitur mistenni uniku huwa persuna fiżika			
Isem jew ismijiet			
Kunjom jew kunjomijiet			
Ġeneru	☐ raġel ☐ mara ☐ oħrajn		
Data tat-twelid	JJ XX SSSS		
Post tat-twelid	belt	pajjiż	
Dokument tal-ID	☐ passaport	☐ Karta tal-identità	☐oħrajn(speċifika) _____
Numru tad-dokument tal-identità			
Pajjiż tal-ħruġ			
Data tal-ħruġ	JJ XX SSSS		
Nazzjonalità			
Numru tal-Identifikazzjoni Personali*			
Indirizz Triq* u numru*	triq		numru
Belt			
Kodiċi postali / ZIP*			
Pajjiż			
Numru tat-telefon*			
Indirizz tal-email*			

*Jekk applikabbli jew disponibbli. Jekk mhux applikabbli jew disponibbli, indika "M/A".

6.B. Is-sid uniku huwa persuna ġuridika			7.B. Ir-riċevitur maħsub uniku huwa persuna ġuridika		
Isem			Isem		
Numru tar-reġistrazzjoni			Numru tar-reġistrazzjoni		
Isem ir-reġistru			Isem ir-reġistru		
Pajjiż tar-reġistrazzjoni			Pajjiż tar-reġistrazzjoni		
Numru tal-identifikazzjoni tal-VAT*			Numru tal-identifikazzjoni tal-VAT*		
Numru tar-Reġistrazzjoni u tal-Identifikazzjoni tal-Operaturi Ekonomiċi (EORI)*			Numru tar-Reġistrazzjoni u tal-Identifikazzjoni tal-Operaturi Ekonomiċi (EORI)*		
Indirizz Triq* u numru*	triq	numru	Indirizz Triq* u numru*	triq	numru
Belt			Belt		
Kodiċi postali / ZIP*			Kodiċi postali / ZIP*		
Pajjiż			Pajjiż		
Numru tat-telefon *			Numru tat-telefon *		
Indirizz tal-email*			Indirizz tal-email*		

8. Firma				Għall-użu uffiċjali	
Niddikjara li d-dettalji kollha pprovduti huma korretti. Nifhem li jekk l-informazzjoni pprovduta ma tkunx korretta jew kompluta, l-obbligu tad-dikjarazzjoni ma għandux jitqies issodisfat u jien responsabbli għal penali skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli.				Firma u timbru tal-awtorità kompetenti	
Firma					
Isem min jiffirma:					
Data	JJ XX SSSS			Dikjarazzjoni doganali: Iva ☐ Le	☐
Post	Belt	Pajjiż		Numru tad-dikjarazzjoni doganali:	
Numru totali ta' folji addizzjonali użati		Kopja mitluba approvata	☐ Iva	Uffiċċju doganali li wettaq il-kontroll:	

*Jekk applikabbli jew disponibbli. Jekk mhux applikabbli jew disponibbli, indika "M/A".

NOTI DWAR KIF GĦANDHA TIMTELA L-FORMOLA

INFORMAZZJONI ĠENERALI

L-obbligu li jiġu ddikjarati flus kontanti mad-dħul jew il-ħruġ mill-UE huwa parti mill-istrateġija tal-UE għall-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u għall-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu. Din il-formola ta' dikjarazzjoni trid timtela meta tidħol jew toħroġ mill-UE u ġġorr EUR 10 000 jew aktar (jew l-ekwivalenti f'muniti oħra) fi flus kontanti (l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1672 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill).

Jekk tingħata informazzjoni mhux korretta jew mhux kompluta, jew jekk il-flus kontanti ma jkunux disponibbli għall-kontroll, il-portatur ma jitqisx li jkun issodisfa l-obbligu tiegħu u jkun soġġett għal penali skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli.

L-informazzjoni u d-*data* personali għandhom jiġu rreġistrati u pproċessati mill-awtoritajiet kompetenti u għandhom ikunu disponibbli għall-Unità tal-Intelligence Finanzjarja (FIU) f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 2018/1672. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikoli 10 u 11 ta' dan ir-Regolament, id-*data* tkun disponibbli wkoll għall-awtoritajiet imsemmija hemmhekk. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni jaġixxu bħala kontrolluri tad-*data* personali miksuba u jżommu d-*data* personali miġbura f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 2018/1672, b'mod awtomatiku għal 5 snin. L-ipproċessar ta' *data* personali jseħħ biss għall-finijiet tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra attivitajiet kriminali. Għal informazzjoni kompluta, inkluż dwar drittijietek, ara l-istqarrija ta' privatezza/link mehmuża għall-informazzjoni online dwar il-protezzjoni tad-*data* tal-Istati Membri.

SPJEGAZZJONI TAT-TERMINI UŻATI SKONT IR-REGOLAMENT (UE) 2018/1672

Portatur tfisser kull persuna fiżika li tidħol fl-UE jew toħroġ mill-Unjoni u ġġorr flus kontanti fuq il-persuna tagħha, fil-bagalja tagħha jew fil-mezz ta' trasport tagħha.

Munita tfisser karti tal-flus u muniti li huma fiċ-ċirkolazzjoni bħala mezz ta' skambju jew li kienu fiċ-ċirkolazzjoni bħala mezz ta' skambju u li għadu possibbli li jiġu skambjati, permezz ta' istituzzjonijiet finanzjarji jew banek ċentrali, għal karti tal-flus u muniti li huma fiċ-ċirkolazzjoni bħala mezz ta' skambju.

Strumenti negozjabbli għall-portatur tfisser strumenti li mhumiex munita, li jagħtu d-dritt lid-detenturi tagħhom li jitolbu ammont finanzjarju meta jippreżentaw l-istrumenti, mingħajr ma jkollhom bżonn jagħtu prova tal-identità tagħhom jew jagħtu prova li huma intitolati għal dak l-ammont. Dawk l-istrumenti huma:

(a) ċekkijiet tal-vjaġġaturi; [u]

(b) ċekkijiet, promissory notes jew money orders li huma jew f'forma għall-portatur, iffirmati iżda mingħajr isem ir-riċevitur, iffirmati mingħajr restrizzjoni, indirizzati lil riċevitur fittizju, jew inkella f'tali forma li t-titoli tagħhom jiġu ttrasferiti mal-għoti tagħhom.

Il-komoditajiet li jintużaw bħala ħażniet likwidi ħafna ta' valur

(a) muniti b'kontenut tad-deheb ta' mill-inqas 90 %; [u]

(b) metall ta' valur bħal lingotti, biċċiet u ċapep b'kontenut ta' deheb ta' mill-inqas 99,5 %.

- **L-oqsma kollha fil-formola huma oqsma obbligatorji u jridu jimtlew. L-oqsma fil-formola mmarkati b'asterisk (*) iridu jimtlew, fejn applikabbli jew disponibbli.**

- **Il-partijiet kollha bl-abjad iridu jimtlew b'ittri kbar u b'linka skura. Il-formoli ma jridx ikun fihom qtugħ, kliem miktub fuq xulxin jew alterazzjonijiet oħra.**

- **Il-partijiet immarkati "għall-użu uffiċjali" jridu jibqgħu vojta.**

- **In-numru ta' identifikazzjoni personali (jiġifieri n-numru tat-taxxa personali, tas-sigurtà soċjali jew ta' identifikazzjoni personali uniku simili), l-indirizz, il-kodiċi postali/il-kodiċi ZIP, in-numru tat-telefon u l-indirizz tal-email jridu jimtlew, jekk applikabbli. Jekk mhux applikabbli, indika "M/A" minflok.**

- **In-numru tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) u n-numru tar-reġistrazzjoni u tal-identifikazzjoni tal-operatur ekonomiku (Numru EORI — li huwa numru uniku, madwar l-UE, assenjat minn awtorità doganali fi Stat Membru lill-operaturi ekonomiċi involuti f'attivitajiet doganali) iridu jimtlew fejn disponibbli. Jekk mhux disponibbli indika "M/A".**

- **Fejn l-informazzjoni ma tkunx magħrufa mill-portatur, indika "mhux magħruf".**
- **Il-formola trid timtela f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE aċċettata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn issir id-dikjarazzjoni.**

Taqsima 1: Dieħel fl-UE jew ħiereġ minnha

Immarka l-kaxxa xierqa biex tindika jekk il-portatur hux dieħel jew ħiereġ mill-UE. Dikjarazzjoni dwar id-dħul u l-ħruġ hija meħtieġa wkoll jekk ikun hemm tranżitu fl-UE.

Taqsima 2: Dettalji tal-portatur tal-flus kontanti

Id-*data* personali tal-portatur trid timtela f'din it-taqsima kif tidher fid-dokument tal-ID tiegħu.

Meta l-portatur tal-flus kontanti ma jkunx legalment kapaċi jiffirma d-dikjarazzjoni, id-dikjarazzjoni tiġi ppreżentata mir-rappreżentant legali tal-portatur.

Taqsima 3: Dettalji tat-trasport

Trid tingħata informazzjoni dwar il-pajjiż tal-ewwel tluq, il-pajjiż tad-destinazzjoni finali u l-mezz tat-trasport. L-informazzjoni dwar il-pajjiż jew il-pajjiżi ta' tranżitu li permezz tagħhom il-portatur jittrasferixxi l-flus kontanti u l-kumpanija tat-trasport trid tiġi speċifikata, jekk applikabbli.

— Immarka l-kaxxa "Ajru" jekk qed tidħol jew toħroġ mill-UE permezz ta' inġenju tal-ajru. It-tip ta' inġenju tal-ajru (titjira kummerċjali, ġett privat, ieħor) irid jiġi pprovdut. In-numru tat-titjira jew in-numru tar-reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru (fil-każ ta' ġett privat) iridu jingħataw fil-qasam "Numru ta' referenza".

— Immarka l-kaxxa "Baħar/Xmara" jekk qed tidħol jew toħroġ mill-UE bil-baħar jew bix-xmara. It-tip ta' bastiment (bastiment kummerċjali, jott jew ieħor) irid jiġi pprovdut. L-isem tal-bastiment irid jingħata fil-qasam "Numru ta' referenza" u d-dettalji tal-linja tat-trasport iridu jingħataw taħt "Kumpanija tat-trasport".

— Immarka l-kaxxa "Triq" jekk qed tidħol jew toħroġ mill-UE minn kwalunkwe tip ta' vettura tat-triq bil-mutur. It-tip ta' trasport bit-triq (trakk, karozza, xarabank, oħrajn) irid jiġi pprovdut. Il-kodiċi tal-pajjiż u l-pjanċa tal-liċenzja tal-vettura iridu jiġu pprovduti fil-qasam "Numru ta' referenza".

— Immarka l-kaxxa "Ferrovija" jekk qed tidħol jew toħroġ mill-UE bil-ferrovija. In-numru tal-ferrovija jrid jiġi pprovdut fil-qasam "Numru ta' referenza" u l-kumpanija ferrovjarja trid tiġi pprovduta taħt "Kumpaniji tat-trasport".

— Immarka l-kaxxa "Oħrajn" jekk ma jintuża l-ebda mezz ta' trasport ieħor u speċifika t-tip ta' trasport (pereż. bil-mixi, bir-rota).

Taqsima 4: Dettalji tal-flus kontanti

L-ammont totali ta' flus kontanti li jinġarr mill-portatur irid jimtela f'din it-taqsima. "Flus kontanti" hija definita taħt "Informazzjoni Ġenerali". Mill-inqas waħda mill-opzjonijiet [(i) munita; (ii) strumenti negozjabbli għall-portatur jew (iii) komoditajiet użati bħala ħażniet likwidi ħafna ta' valur] iridu jimtlew.

Jekk ma jkunx hemm spazju biżżejjed fil-formola tad-dikjarazzjoni, il-folji addizzjonali jridu jintużaw biex jipprovdu d-dettalji tal-flus kontanti. L-informazzjoni kollha pprovduta tikkostitwixxi dikjarazzjoni waħda u l-folji addizzjonali kollha jridu jiġu nnumerati u ffirmati.

Taqsima 5: Il-provenjenza ekonomika u l-użu maħsub tal-flus kontanti

Is-Subtaqsima 5.A trid timtela dejjem jekk il-portatur ikun sid uniku jew jekk ikun hemm sid wieħed biss li jindika l-provenjenza ekonomika rilevanti.

Is-Subtaqsima 5.B trid timtela dejjem jekk il-portatur huwa wkoll l-uniku sid u l-uniku riċevitur maħsub jew fejn hemm riċevitur wieħed biss biex jindika l-użu maħsub tal-flus kontanti.

Huwa possibbli li tintgħażel aktar minn opzjoni waħda f'kull Subtaqsima. Jekk ma tkun applikabbli l-ebda għażla, immarka l-kaxxa "oħrajn" u speċifika d-dettalji.

Jekk ikun hemm aktar minn sid wieħed jew aktar minn riċevitur maħsub wieħed, l-informazzjoni rilevanti dwar il-provenjenza ekonomika u l-użu maħsub tal-flus kontanti għas-sidien u/jew ir-riċevituri maħsuba trid timtela fuq folji addizzjonali kif imsemmi hawn taħt. F'dan il-każ, immarka l-kaxxa "oħrajn" u speċifika "folji addizzjonali".

Taqsima 6: Sid il-flus kontanti

Sid wieħed biss

Jekk il-portatur huwa l-uniku sid tal-flus kontanti, immarka l-kaxxa xierqa u kompli għat-Taqsima 7.

Jekk il-portatur mhuwiex is-sid uniku, speċifika jekk is-sid uniku huwiex persuna fiżika oħra jew persuna ġuridika u mmarka l-kaxxa xierqa. Id-dettalji jridu jimtlew fis-Subtaqsima 6.A (għal persuna fiżika) jew is-Subtaqsima 6.B (għal persuna ġuridika) u kompli għat-Taqsima 7. Jekk il-portatur ikun persuna fiżika, id-dettalji personali jridu jimtlew kif jidhru fid-dokument tal-identità tiegħu.

Aktar minn sid wieħed

Jekk ikun hemm aktar minn sid wieħed, in-numru totali ta' sidien irid jimtela fil-kaxxa xierqa. Għal kull sid addizzjonali jridu jimtlew folji addizzjonali separati fejn jingħataw id-dettalji tagħhom, l-ammont ta' flus kontanti fil-pussess tagħhom u l-provenjenza ekonomika tagħhom u l-użu maħsub tagħhom. Jekk il-portatur ikun wieħed mis-sidien, trid timtela folja addizzjonali għalihom ukoll, bl-ammont ta' flus kontanti li jkunu proprjetà tal-portatur u l-provenjenza ekonomika tagħhom u l-użu maħsub tagħhom. L-informazzjoni kollha pprovduta tikkostitwixxi dikjarazzjoni waħda u l-folji addizzjonali kollha jridu jiġu nnumerati u ffirmati.

Taqsima 7: Ir-riċevitur maħsub tal-flus kontanti

Riċevitur maħsub wieħed biss

Indika jekk il-portatur huwiex l-uniku riċevitur maħsub tal-flus kontanti. Jekk ikun il-każ, immarka l-kaxxa xierqa u kompli għat-Taqsima 8.

Jekk il-portatur mhuwiex l-uniku riċevitur maħsub, immarka l-kaxxa xierqa biex tispeċifika jekk l-uniku riċevitur maħsub huwiex persuna fiżika oħra jew persuna ġuridika. L-informazzjoni trid timtela fis-Subtaqsima 7.A (għal persuna fiżika) jew is-Subtaqsima 7.B (għal persuna ġuridika) u kompli għat-Taqsima 8. Fil-każ ta' persuna fiżika, id-*data* personali trid timtela kif tidher fid-dokument tal-identità tagħha.

Aktar minn riċevitur maħsub wieħed

Jekk ikun hemm aktar minn riċevitur maħsub wieħed, in-numru totali ta' riċevituri maħsuba jrid jimtela fil-kaxxa xierqa. Għal kull riċevitur maħsub iridu jimtlew folji addizzjonali separati li jagħtu d-dettalji ta' kull riċevitur maħsub, l-ammont ta' flus li għandu jirċievi u l-użu maħsub tagħhom. Jekk il-portatur ikun wieħed mir-riċevituri maħsuba trid timtela folja addizzjonali għalihom ukoll, inkluż l-ammont ta' flus kontanti riċevuti mill-portatur u l-użu maħsub tagħhom. L-informazzjoni kollha pprovduta tikkostitwixxi dikjarazzjoni waħda u l-folji addizzjonali kollha jridu jiġu nnumerati u ffirmati.

Taqsima 8: Firma

Daħħal id-data, il-post u l-isem u ffirma l-formola tad-dikjarazzjoni. Indika n-numru totali ta' folji addizzjonali użati. Jekk ma tkunintużat l-ebda waħda, indika żero (0). Il-portatur jista' jimmarka l-kaxxa xierqa biex jitlob kopja ffirmata tad-dikjarazzjoni.

PARTI 2

	DIKJARAZZJONI TA' DIVULGAZZJONI TA' FLUS KONTANTI **L-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/1672**		
	Għall-użu uffiċjali	Numru ta' referenza	

1. Il-flus kontanti	☐ **dieħlin fl-Unjoni Ewropea (UE)** ☐ **ħerġin mill-UE**

2. Dettalji tad-dikjarant			
Isem jew ismijiet		**Nazzjonalità**	
Kunjom jew kunjomijiet		**Numru tal-Identifikazzjoni Personali***	
Ġeneru	☐ **raġel** ☐ **mara** ☐ **oħrajn**	**Indirizz Triq* u numru***	triq / numru
Data tat-twelid	JJ XX SSSS	**Belt**	
Post tat-twelid	belt / pajjiż	**Kodiċi postali / ZIP***	
Dokument tal-ID	☐**passaport** ☐ **Karta tal-identità** ☐**oħrajn(speċifika)**	**Pajjiż**	
Numru tad-dokument tal-identità		**Numru tat-telefon***	
Pajjiż tal-ħruġ		**Indirizz tal-email***	
Data ta' ħruġ	JJ XX SSSS		

3. Dettalji tal-flus kontanti					
Munita (karti tal-flus u muniti)	**Valur**	**Munita**	**Valur**	**Munita**	
	1)		3)		
	2)		4)		
Strumenti negozjabbli għall-portatur	Tip ta' strument negozjabbli **għall-portatur**		**Valur**	**Munita**	
Komoditajiet użati bħala ħażniet likwidi ħafna ta' valur (**jiġifieri deheb**)	**Tip**	**Kwantita**	**Piż totali (fi grammi))**	**Valur**	**Munita**

4. Relazzjoni mal-flus kontanti mhux akkumpanjati (aktar minn opzjoni waħda hija possibbli)	
Inti l-mittent?	☐ **Iva → Aqbeż it-Taqsima 5**
Inti l-uniku riċevitur?	☐ **Iva → Aqbeż it-Taqsima 6**
Inti l-uniku sid?	☐ **Iva → Aqbeż it-Taqsima 7**
Inti r-rappreżentant tal-mittent?	☐ **Iva → Imla t-taqsimiet kollha**
Inti r-rappreżentant tar-riċevitur?	☐ **Iva → Imla t-taqsimiet kollha**

*Jekk applikabbli jew disponibbli. Jekk mhux applikabbli jew disponibbli, indika "M/A".

5. Il-mittent tal-flus kontanti					
Il-mittent huwa:	☐ **Persuna fiżika** → Imla s-Subtaqsima 5.A			☐ **Persuna ġuridika** → Imla s-Subtaqsima 5.B	
5.A. Il-mittent huwa persuna fiżika				**5.B. Il-mittent huwa persuna ġuridika**	
Isem jew ismijiet				Isem	
Kunjom jew kunjomijiet				Numru tar-reġistrazzjoni	
Ġeneru	☐ raġel ☐ mara ☐ oħrajn			Isem ir-reġistru	
Data tat-twelid	JJ XX SSSS			Pajjiż tar-reġistrazzjoni	
Post tat-twelid	belt	pajjiż		Numru tal-identifikazzjoni tal-VAT*	
Dokument tal-ID	☐passaport	☐ Karta tal-identità	☐oħrajn(speċifika) _____	Numru tar-Reġistrazzjoni u tal-Identifikazzjoni tal-Operaturi Ekonomiċi (EORI)*	
Numru tad-dokument tal-identità				Indirizz Triq* u numru*	triq / numru
Pajjiż tal-ħruġ				Belt	
Data tal-ħruġ	JJ XX SSSS			Kodiċi postali / ZIP*	
Nazzjonalità				Pajjiż	
Numru tal-Identifikazzjoni Personali*				Numru tat-telefon*	
Indirizz Triq* u numru*	triq	numru		Indirizz tal-email*	
Belt					
Kodiċi postali / ZIP*					
Pajjiż					
Numru tat-telefon*					
Indirizz tal-email*					

*Jekk applikabbli jew disponibbli. Jekk mhux applikabbli jew disponibbli, indika “M/A”.

6. Ir-riċevitur jew ir-riċevitur maħsub tal-flus kontanti				
Hemm riċevitur uniku?	☐ Iva, l-uniku riċevitur huwa persuna fiżika	→ Imla s-Subtaqsima 6.A		
	☐ Iva, l-uniku riċevitur huwa persuna ġuridika	→ Imla s-Subtaqsima 6.B		
	☐ Le, hemm aktar minn riċevitur jew riċevitur maħsub wieħed	→ Imla n-numru totali ta' riċevituri (jew riċevituri maħsuba) u uża folji addizzjonali biex timla d-dettalji tagħhom	Numru totali ta' riċevituri (jew riċevituri maħsuba)	

6.A. Ir-riċevitur uniku huwa persuna fiżika				6.B. Ir-riċevitur uniku huwa persuna ġuridika		
Isem jew ismijiet				Isem		
Kunjom jew kunjomijiet				Numru tar-reġistrazzjoni		
Ġeneru	☐ raġel ☐ mara ☐ oħrajn			Isem ir-reġistru		
Data tat-twelid	JJ XX SSSS			Pajjiż tar-reġistrazzjoni		
Post tat-twelid	belt	pajjiż		Numru tal-identifikazzjoni tal-VAT*		
Dokument tal-ID	☐passaport	☐ Karta tal-identità	☐oħrajn(speċifika) _____	Numru tar-Reġistrazzjoni u tal-Identifikazzjoni tal-Operaturi Ekonomiċi (EORI)*		
Numru tad-dokument tal-identità				Indirizz Triq* u numru*	triq	numru
Pajjiż tal-ħruġ				Belt		
Data tal-ħruġ	JJ XX SSSS			Kodiċi postali / ZIP*		
Nazzjonalità				Pajjiż		
Numru tal-Identifikazzjoni Personali*				Numru tat-telefon*		
Indirizz Triq* u numru*	triq	numru		Indirizz tal-email*		
Belt						
Kodiċi postali / ZIP*						
Pajjiż						
Numru tat-telefon*						
Indirizz tal-email*						

*Jekk applikabbli jew disponibbli. Jekk mhux applikabbli jew disponibbli, indika "M/A".

7. Sid il-flus kontanti				
Hemm sid uniku?	☐ Iva, is-sid uniku huwa l-mittent	→ Kompli għat-Taqsima 8		
	☐ Iva, is-sid uniku huwa r-riċevitur uniku	→ Kompli għat-Taqsima 8		
	☐ Iva, is-sid uniku huwa persuna fiżika oħra	→ Imla s-Subtaqsima 7.A		
	☐ Iva, is-sid uniku huwa persuna ġuridika oħra	→ Imla s-Subtaqsima 7.B		
	☐ Le, hemm iżjed minn sid wieħed	→ Imla n-numru totali ta' sidien u uża folji addizzjonali biex timla d-dettalji tagħhom	Numru totali ta' sidien	

7.A. Is-sid uniku huwa persuna fiżika				7.B. Is-sid uniku huwa persuna ġuridika		
Isem jew ismijiet				Isem		
Kunjom jew kunjomijiet				Numru tar-reġistrazzjoni		
Ġeneru	☐ raġel ☐ mara ☐ oħrajn			Isem ir-reġistru		
Data tat-twelid	JJ XX SSSS			Pajjiż tar-reġistrazzjoni		
Post tat-twelid	belt	pajjiż		Numru tal-identifikazzjoni tal-VAT*		
Dokument tal-ID	☐passaport	☐ Karta tal-identità	☐oħrajn(speċifika) _____	Numru tar-Reġistrazzjoni u tal-Identifikazzjoni tal-Operaturi Ekonomiċi (EORI)*		
Numru tad-dokument tal-identità				Indirizz Triq* u numru*	triq	numru
Pajjiż tal-ħruġ				Belt		
Data tal-ħruġ	JJ XX SSSS			Kodiċi postali / ZIP*		
Nazzjonalità				Pajjiż		
Numru tal-Identifikazzjoni Personali*				Numru tat-telefon*		
Indirizz Triq* u numru*	triq	numru		Indirizz tal-email*		
Belt						
Kodiċi postali / ZIP*						
Pajjiż						
Numru tat-telefon*						
Indirizz tal-email*						

*Jekk applikabbli jew disponibbli. Jekk mhux applikabbli jew disponibbli, indika "M/A".

8. Provenjenza ekonomika u l-użu maħsub tal-flus kontanti (hija possibbli aktar minn għażla waħda fis-Subtaqsima 8.A u 8.B)	
8.A. Provenjenza ekonomika (din is-Subtaqsima timtela meta jkun hemm sid wieħed biss. Jekk ikun hemm aktar minn sid wieħed, l-informazzjoni trid timtela permezz ta' folji addizzjonali. F'dan il-**każ**, immarka "oħrajn" u speċifika "folji addizzjonali")	**8.B. Użu maħsub (din is-Subtaqsima timtela meta jkun hemm riċevitur wieħed biss. Jekk ikun hemm aktar minn riċevitur wieħed, l-informazzjoni trid timtela** fuq folji addizzjonali. F'dan il-**każ**, immarka "oħrajn" u speċifika "folji addizzjonali")
☐ **Qligħ mix-xogħol (introjtu, irtirar, introjtu mill-intraprenditorija eċċ.)** ☐ **Qligħ kapitali (dividendi, profitti mill-investiment, imgħax, assigurazzjoni eċċ.)** ☐ **Bejgħ** ta' proprjetà immobbli ☐ **Bejgħ** ta' proprjetà mobbli ☐ **Self mogħti minn persuna fiżika** ☐ **Self mogħti** minn entità legali (istituzzjoni ta' kreditu, bank jew kumpanija) ☐ **Lotterija / logħob tal-azzard** ☐ **Rigal / donazzjoni** ☐ **Wirt** ☐ **Vjeġġ bejn istituzzjonijiet finanzjarji** ☐ **Oħrajn (speċifika)**_____	☐ **Spejjeż tax-xogħol (pagamenti tas-**salarji, negozju ta' investiment eċċ.**)** ☐ **Investiment kapitali (depożiti fil-kont bankarju, pagamenti tal-assigurazzjoni eċċ.)** ☐ **Fondi għax-xiri** ta' propjetà immobbli ☐ **Fondi għax-xiri** ta' propjetà mobbli ☐ **Ħlas lura** ta' self mogħti **minn persuna fiżika** ☐ Ħlas lura ta' self mogħti **minn entità ġuridika** (istituzzjoni ta' kreditu, bank jew **kumpanija)** ☐ **Lotterija / logħob tal-azzard** ☐ **Karità** ☐ **Flus lill-kaptan tal-vapur / flus kontanti abbord** ☐ **Vjeġġ bejn istituzzjonijiet finanzjarji** ☐ **Oħrajn (speċifika)**_____

9. Firma			
Niddikjara li d-dettalji kollha pprovduti huma korretti. Nifhem li jekk l-informazzjoni pprovduta ma tkunx korretta jew kompluta, l-obbligu tad-dikjarazzjoni ma għandux jitqies issodisfat u jien responsabbli għal penali skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli.			**Firma**
Data	JJ XX SSSS		
Post	belt	pajjiż	
Numru totali ta' folji addizzjonali użati			**Isem min jiffirma**
Kopja approvata mitluba	☐ **Iva**		

Għall-użu uffiċjali		
Tip ta' **transport**	☐ **pakkett postali** ☐ **pakkett tal-kurrier** ☐ **merkanzija bl-ajru** ☐ **merkanzija bil-baħar** ☐ **merkanzija bit-triq** ☐ **merkanzija bil-ferrovija** ☐ **oħrajn**	**Firma u timbru tal-awtorità kompetenti**
Pajjiż tat-tluq		
Pajjiż tad-destinazzjoni		
Dikjarazzjoni doganali	☐**Iva** ☐**Le**	
Numru tad-dikjarazzjoni doganali		
Uffiċċju doganali li wettaq il-kontroll		

*Jekk applikabbli jew disponibbli. Jekk mhux applikabbli jew disponibbli, indika "M/A".

NOTI DWAR KIF GĦANDHA TIMTELA L-FORMOLA

INFORMAZZJONI ĠENERALI

L-obbligu li jiġu divulgati fuq talba l-flus kontanti mad-dħul jew il-ħruġ mill-UE huwa parti mill-istrateġija tal-UE għall-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u għall-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu. Il-formola ta' divulgazzjoni trid timtela meta flus kontanti mhux akkumpanjati ta' valur ta' EUR 10 000 jew aktar (jew l-ekwivalenti f'muniti oħra) ikunu deħlin jew ħerġin mill-UE u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru, li permezz tagħhom il-flus kontanti jkunu deħlin jew ħerġin mill-UE, jeħtieġu li l-mittent jew ir-riċevitur tal-flus, jew rappreżentant tagħhom, skont il-każ, jagħmlu dikjarazzjoni ta' divulgazzjoni fi żmien 30 jum (l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/1672 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill).

Jekk id-dikjarazzjoni ta' divulgazzjoni ma ssirx fi żmien 30 jum, jew jekk tingħata informazzjoni mhux korretta jew mhux kompluta, jew jekk il-flus kontanti ma jkunux disponibbli għall-kontroll, id-dikjarant ma jitqiesx li jkun issodisfa l-obbligu tiegħu u jkun soġġett għal penali skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli.

L-informazzjoni u d-*data* personali għandhom jiġu rreġistrati u pproċessati mill-awtoritajiet kompetenti u għandhom ikunu disponibbli għall-Unità tal-Intelligence Finanzjarja (FIU) f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 2018/1672. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikoli 10 u 11 ta' dak ir-Regolament, id-*data* se tkun disponibbli wkoll għall-awtoritajiet imsemmija hemmhekk. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni ta' divulgazzjoni jaġixxu bħala kontrolluri tad-*data* personali miksuba u jżommu d-*data* personali miġbura f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 2018/1672, b'mod awtomatiku għal 5 snin. L-ipproċessar ta' *data* personali jseħħ biss għall-finijiet tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra attivitajiet kriminali. Għal informazzjoni kompluta, inkluż dwar drittijietek, ara l-istqarrija ta' privatezza/link mehmuża għall-informazzjoni online dwar il-protezzjoni tad-*data* tal-Istati Membri.

SPJEGAZZJONIJIET TAT-TERMINI UŻATI SKONT IR-REGOLAMENT 2018/1672

Munita tfisser karti tal-flus u muniti li huma fiċ-ċirkolazzjoni bħala mezz ta' skambju jew li kienu fiċ-ċirkolazzjoni bħala mezz ta' skambju u li għadu possibbli li jiġu skambjati, permezz ta' istituzzjonijiet finanzjarji jew banek ċentrali, għal karti tal-flus u muniti li huma fiċ-ċirkolazzjoni bħala mezz ta' skambju.

Strumenti negozjabbli għall-portatur> tfisser strumenti li mhumiex munita, li jagħtu d-dritt lid-detenturi tagħhom li jitolbu ammont finanzjarju meta jippreżentaw l-istrumenti, mingħajr ma jkollhom bżonn jagħtu prova tal-identità tagħhom jew jagħtu prova li huma intitolati għal dak l-ammont. Dawk l-istrumenti huma:

(a) ċekkijiet tal-vjaġġaturi; [u]

(b) ċekkijiet, promissory notes jew money orders li huma jew f'forma għall-portatur, iffirmati iżda mingħajr isem ir-riċevitur, iffirmati mingħajr restrizzjoni, indirizzati lil riċevitur fittizju, jew inkella f'tali forma li t-titoli tagħhom jiġu ttrasferiti mal-għoti tagħhom.

Il-komoditajiet li jintużaw bħala ħażniet likwidi ħafna ta' valur,

(a) muniti b'kontenut tad-deheb ta' mill-inqas 90 %; [u]

(b) metall ta' valur bħal lingotti, biċċiet u ċapep b'kontenut ta' deheb ta' mill-inqas 99,5 %.

- **Il-kaxxi kollha fil-formola huma kaxxi obbligatorji u jridu jimtlew. Il-kaxxi fil-formola mmarkati b'asterisk (*) iridu jimtlew, fejn applikabbli jew disponibbli.**

- **Il-partijiet kollha bl-abjad iridu jimtlew b'ittri kbar u b'linka skura. Il-formoli ma jridx ikun fihom qtugħ, kliem miktub fuq xulxin jew alterazzjonijiet oħra.**

- **Il-partijiet immarkati "għall-użu uffiċjali" jridu jibqgħu vojta.**

- **In-numru ta' identifikazzjoni personali (jiġifieri n-numru tat-taxxa personali, tas-sigurtà soċjali jew ta' identifikazzjoni personali uniku simili), l-indirizz, il-kodiċi postali/il-kodiċi ZIP, in-numru tat-telefon u l-indirizz tal-email jridu jimtlew, jekk applikabbli. Jekk mhux applikabbli, indika "M/A" minflok.**

- **In-numru ta' identifikazzjoni tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) u n-numru tar-reġistrazzjoni u tal-identifikazzjoni tal-operatur ekonomiku (Numru EORI — li huwa numru uniku, madwar l-UE, assenjat minn awtorità doganali fi Stat Membru lill-operaturi ekonomiċi involuti f'attivitajiet doganali) iridu jimtlew fejn disponibbli. Jekk mhux disponibbli indika "M/A".**

- **Fejn l-informazzjoni ma tkunx magħrufa mid-dikjarant, indika "mhux magħruf".**
- **Il-formola trid timtela f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE aċċettata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn issir id-dikjarazzjoni.**

Taqsima 1: Dieħel fl-UE jew ħiereġ minnha

Immarka l-kaxxa xierqa biex tindika jekk il-flus kontanti humiex deħlin jew ħerġin mill-UE.

Taqsima 2: Dettalji tad-dikjarant

Id-*data* personali tad-dikjarant trid timtela f'din it-taqsima kif tidher fid-dokument tal-ID tiegħu.

Jekk id-dikjarant mhuwiex legalment kapaċi jiffirma d-divulgazzjoni, id-divulgazzjoni hija ppreżentata mir-rappreżentant legali tad-dikjarant.

Taqsima 3: Dettalji tal-flus kontanti

L-ammont totali ta' flus kontanti li għalihom intalbet divulgazzjoni jrid jimtela f'din it-taqsima. "Flus kontanti" hija definita taħt "Informazzjoni Ġenerali". Mill-inqas waħda mill-opzjonijiet [(i) munita; (ii) strumenti negozjabbli għall-portatur jew (iii) komoditajiet użati bħala ħażniet likwidi ħafna ta' valur] iridu jimtlew.

Jekk ma jkunx hemm spazju biżżejjed fil-formola tad-divulgazzjoni, il-folji addizzjonali jridu jintużaw biex jipprovdu d-dettalji tal-flus kontanti. L-informazzjoni kollha pprovduta tikkostitwixxi divulgazzjoni waħda u l-folji addizzjonali kollha jridu jiġu nnumerati u ffirmati.

Taqsima 4: Relazzjoni ma' flus kontanti mhux akkumpanjati

Immarka l-kaxxi rilevanti biex tidentifika l-istatus tad-dikjarant u r-relazzjoni tiegħu mal-flus kontanti. Hemm iżjed għażliet possibbli.

Taqsima 5: Sid il-flus kontanti

L-informazzjoni dwar il-mittent tal-flus kontanti trid tiġi inkluża f'din it-taqsima, jekk id-dikjarant ma jkunx il-mittent tal-flus kontanti. Immarka l-kaxxa biex tindika jekk il-mittent huwiex persuna fiżika jew persuna ġuridika. L-informazzjoni dwar il-mittent trid timtela fis-Subtaqsima 5.A (għal persuna fiżika) jew is-Subtaqsima 5.B (għal persuna ġuridika). Jekk il-mittent ikun persuna fiżika, id-dettalji personali jridu jimtlew kif jidhru fid-dokument tal-identità tiegħu.

Taqsima 6: Ir-riċevitur jew ir-riċevitur maħsub tal-flus kontanti

Riċevitur wieħed biss

Meta d-dikjarant ma jkunx l-uniku riċevitur tal-flus kontanti, l-informazzjoni dwar ir-riċevitur jew ir-riċevitur intenzjonat tal-flus kontanti trid tiġi inkluża f'din it-taqsima.

Immarka l-kaxxa xierqa biex tindika jekk hemmx riċevitur uniku tal-flus kontanti u jekk huwiex persuna fiżika jew persuna ġuridika. L-informazzjoni dwar ir-riċevitur uniku trid timtela fis-Subtaqsima 6.A (għal persuna fiżika) jew is-Subtaqsima 6. B (għal persuna ġuridika). Jekk ir-riċevitur jew ir-riċevitur maħsub ikun persuna fiżika, id-dettalji personali jridu jimtlew kif jidhru fid-dokument tal-identità tiegħu.

Aktar minn riċevitur jew riċevitur maħsub wieħed

Jekk ikun hemm aktar minn riċevitur jew riċevitur maħsub wieħed, in-numru totali ta' riċevituri jew riċevituri maħsuba jrid jimtela fil-kaxxa xierqa. Għal kull riċevitur jew riċevituri maħsub addizzjonali jridu jimtlew folji addizzjonali separati li jagħtu d-dettalji tagħhom, l-ammont ta' flus li għandhom jirċievu u l-użu maħsub tagħhom. L-informazzjoni kollha pprovduta tikkostitwixxi divulgazzjoni waħda u l-folji addizzjonali kollha jridu jiġu nnumerati u ffirmati.

Taqsima 7: Sid il-flus kontanti

Sid wieħed biss

Jekk is-sid uniku tal-flus kontanti ma jkunx l-ispeditur jew l-uniku riċevitur tal-flus kontanti, id-dettalji tas-sid uniku iridu jiġu inklużi f'din it-taqsima.

Immarka l-kaxxa xierqa biex tindika jekk hemmx sid uniku tal-flus kontanti u jekk is-sid uniku huwiex persuna fiżika jew persuna ġuridika. Id-dettalji tas-sid uniku jridu jimtlew fis-Subtaqsima 7.A (għal persuna fiżika) jew is-Subtaqsima 7.B (għal persuna ġuridika). Jekk is-sid huwa persuna fiżika, id-dettalji personali jridu jimtlew kif jidhru fid-dokument tal-identità tiegħu.

Aktar minn sid wieħed

Jekk ikun hemm aktar minn sid wieħed, in-numru totali ta' sidien irid jimtela fil-kaxxa xierqa. Għal kull sid addizzjonali, iridu jimtlew folji addizzjonali separati fejn jingħataw id-dettalji tagħhom, l-ammont ta' flus kontanti fil-pussess tagħhom, il-provenjenza ekonomika tagħhom u l-użu maħsub tagħhom. L-informazzjoni kollha pprovduta tikkostitwixxi divulgazzjoni waħda u l-folji addizzjonali kollha jridu jiġu nnumerati u ffirmati.

Taqsima 8: Il-provenjenza ekonomika u l-użu maħsub tal-flus kontanti

Is-Subtaqsima 8.A trid timtela dejjem, jekk ikun hemm sid uniku li jindika l-provenjenza ekonomika rilevanti.

Is-Subtaqsima 8.B trid timtela dejjem jekk ikun hemm riċevitur uniku li jindika l-użu maħsub tal-flus kontanti.

Huwa possibbli li tintgħażel aktar minn opzjoni waħda f'kull Subtaqsima. Jekk ma tkun applikabbli l-ebda għażla, immarka l-kaxxa "oħrajn" u speċifika d-dettalji.

Jekk ikun hemm aktar minn sid wieħed jew aktar minn riċevitur (jew riċevitur maħsub) wieħed, l-informazzjoni dwar il-provenjenza ekonomika u l-użu maħsub tal-flus kontanti għas-sidien u/jew ir-riċevituri (jew ir-riċevituri maħsuba) trid timtela fuq folji addizzjonali kif imsemmi hawn taħt. F'dan il-każ, immarka l-kaxxa "oħrajn" u speċifika "folji addizzjonali".

Taqsima 9: Firma

Daħħal id-data, il-post, l-isem u ffirma d-divulgazzjoni. Indika n-numru totali ta' folji addizzjonali użati. Jekk ma tkun intużat l-ebda waħda, indika żero (0). Id-dikjarant jista' jimmarka l-kaxxa xierqa biex jitlob kopja ffirmata tad-divulgazzjoni.

Parti 3

	DIKJARAZZJONI TA' FLUS KONTANTI — FOLJA ADDIZZJONALI L-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1672			
	Għall-użu uffiċjali			
	Numru ta' referenza		A. Numru tal-folja addizzjonali	

B. Dettalji addizzjonali tal-folja (Immarka għaża waħda biss. Jekk ikunu applikabbli aktar għażliet, imla folji addizzjonali separati għal kull għaża addizzjonali)		
B.1	☐ Kontinwazzjoni tad-"Dettalji tal-flus kontanti"	→ Imla t-Taqsima C għal informazzjoni addizzjonali dwar il-flus kontanti.
B.2	☐ Il-portatur huwa s-sid u r-riċevitur maħsub ta' parti mill-flus kontanti	→ Imla t-Taqsimiet C u D biss għall-ammont ta' flus kontanti li jkun proprjetà tal-portatur u li jkun iriċevih.
B.3	☐ Il-portatur huwa s-sid ta' parti mill-flus kontanti	→ Imla t-Taqsimiet C u D biss għall-ammont ta' flus kontanti li jkun proprjetà tal-portatur.
B.4	☐ Il-portatur huwa r-riċevitur maħsub ta' parti mill-flus kontanti	→ Imla t-Taqsimiet C u D.2 biss għall-ammont ta' flus li l-portatur jirċievi bħala riċevitur.
B.5	☐ Sid li huwa wkoll ir-riċevitur maħsub ta' parti mill-flus kontanti (għajr il-portatur)	→ Imla t-Taqsimiet C u D għall-ammont ta' flus kontanti li għandhom jiġu riċevuti u t-Taqsima E..
B.6	☐ Sid ta' parti mill-flus kontanti (minbarra l-portatur)	→ Imla t-Taqsimiet C u D għall-ammont ta' flus kontanti u t-taqsima E.
B.7	☐ Riċevitur maħsub ta' parti mill-flus kontanti (għajr il-portatur)	→ Imla t-Taqsimiet C u D2 għall-ammont rispettiv ta' flus kontanti li għandhom jiġu riċevuti u t-Taqsima E.

C. Dettalji tal-flus kontanti					
Munita (karti tal-flus u muniti)	Valur	Munita	Valur	Munita	
	1)		3)		
	2)		4)		
Strumenti negozjabbli għall-portatur	Tip ta' strument negozjabbli għall-portatur		Valur	Munita	
Komoditajiet użati bħala ħażniet likwidi ħafna ta' valur (jiġifieri deheb)	Tip	Kwantità	Piż totali (fi grammi)	Valur	Munita

D. Provenjenza ekonomika u l-użu maħsub tal-flus kontanti (hija possibbli aktar minn għaża waħda f'kull Subtaqsima D.1 u D.2)	
D.1. Provenjenza ekonomika	D.2. Użu maħsub
☐ Qligħ mix-xogħol (introjtu, irtirar, introjtu mill-intraprenditorija eċċ.)	☐ Spejjeż tax-xogħol (pagamenti tas-salarji, negozju ta' investiment eċċ.)
☐ Qligħ kapitali (dividendi, profitti mill-investiment, imgħax, assigurazzjoni eċċ.)	☐ Investiment kapitali (depożiti fil-kont bankarju, pagamenti tal-assigurazzjoni eċċ.)
☐ Bejgħ ta' proprjetà immobbli	☐ Fondi għax-xiri ta' proprjetà immobbli
☐ Bejgħ ta' proprjetà mobbli	☐ Fondi għax-xiri ta' proprjetà mobbli
☐ Self mogħti minn persuna fiżika	☐ Ħlas lura ta' self mogħti minn persuna fiżika
☐ Self mogħti minn entità legali (istituzzjoni ta' kreditu, bank jew kumpanija)	☐ Ħlas lura ta' self mogħti minn entità ġuridika (istituzzjoni ta' kreditu, bank jew kumpanija)
☐ Lotterija / logħob tal-azzard	☐ Lotterija / logħob tal-azzard
☐ Rigal / donazzjoni	☐ Karità
☐ Wirt	☐ Flus lill-kaptan tal-vapur / flus kontanti abbord
☐ Oħrajn (speċifika)_____	☐Vaganza / rikreazzjoni
	☐ Trasferiment ta' flus kontanti minn kurriera tal-flus professjonali (kumpaniji tal-kambju tal-munita)
	☐ Trasferiment ta' flus kontanti minn kurriera professjonali ta' flus kontanti (oħrajn)
	☐ Oħrajn (speċifika)_____

*Jekk applikabbli jew disponibbli. Jekk mhux applikabbli jew disponibbli, indika "M/A"

E. Persuni involuti						
E.1. ☐ Persuna fiżika				E.2. ☐ Persuna ġuridika		
Isem jew ismijiet				Isem		
Kunjom jew kunjomijiet				Numru tar-reġistrazzjoni		
Ġeneru	☐ raġel ☐ mara ☐ oħrajn			Isem ir-reġistru		
Data tat-twelid	JJ XX SSSS			Pajjiż tar-reġistrazzjoni		
Post tat-twelid (pajjiż/belt)	belt	pajjiż		Numru tal-identifikazzjoni tal-VAT*		
Dokument tal-ID	☐passaport	☐Karta tal-identità	☐oħrajn(speċifika) _____	Numru tar-Reġistrazzjoni u tal-Identifikazzjoni tal-Operaturi Ekonomiċi (EORI)*		
Numru tad-dokument tal-identità				Indirizz Triq* u numru*	triq	numru
Pajjiż tal-ħruġ				Belt		
Data ta' ħruġ	JJ XX SSSS			Kodiċi postali / ZIP*		
Nazzjonalità				Pajjiż		
Numru tal-Identifikazzjoni Personali*				Numru tat-telefon*		
Indirizz Triq* u numru*	triq	numru		Indirizz tal-email*		
Belt				F. Firma		
Kodiċi postali / ZIP*				Niċċertifika li din il-folja addizzjonali hija parti integrali tad-dikjarazzjoni ta' flus kontanti li magħha hija mehmuża.		
Pajjiż				Firma Isem min jiffirma:		
Numru tat-telefon*						
Indirizz tal-email*				Data	JJ XX SSSS	
				Post	belt	pajjiż

*Jekk applikabbli jew disponibbli. Jekk mhux applikabbli jew disponibbli, indika "M/A"

NOTI DWAR KIF GĦANDHA TIMTELA L-FORMOLA

Tagħrif ġenerali

In-noti dwar kif għandha timtela l-formola tad-dikjarazzjoni tal-flus kontanti japplikaw hawnhekk ukoll.

Taqsima A: Numru tal-folji addizzjonali

Il-folji addizzjonali jridu jiġu nnumerati b'numri konsekuttivi (jiġifieri 1 fuq l-ewwel folja addizzjonali użata, 2 fuq it-tieni eċċ.).

Indika n-numru totali ta' folji addizzjonali użati fit-tieni paġna tal-formola tad-dikjarazzjoni tal-flus kontanti.

Taqsima B: Dettalji tal-folji addizzjonali

Agħti r-raġuni għaliex imlejt il-folja addizzjonali. Għażla waħda biss trid tiġi mmarkata. Jekk ikunu applikabbli aktar għażliet, uża folja addizzjonali separata għal kull għażla.

B.1: Kontinwazzjoni tad-"Dettalji tal-flus kontanti": Agħżel din l-opzjoni biss meta l-ispazju disponibbli fit-Taqsima 4 "Dettalji tal-flus kontanti" fil-formola tad-dikjarazzjoni ma jkunx biżżejjed għall-flus kontanti kollha. Imla t-Taqsima C u aqbeż it-Taqsimiet D u E.

B.2: Il-portatur huwa s-sid u r-riċevitur maħsub ta' parti mill-flus kontanti: Agħżel meta l-portatur huwa wkoll is-sid u r-riċevitur maħsub ta' parti mill-flus kontanti. Għal kull sid u riċevitur maħsub trid timtela folja addizzjonali separata.

Fit-Taqsima C indika l-ammont ta' flus kontanti u l-ammont ta' flus li għandhom jiġu riċevuti.

Indika fis-Subtaqsimiet D.1 u D.2 il-provenjenza ekonomika u l-użu maħsub tal-flus kontanti li jkunu proprjetà tal-portatur.

B.3: Il-portatur huwa s-sid ta' parti mill-flus kontanti: Agħżel meta l-portatur huwa wkoll is-sid ta' parti mill-flus kontanti. Għal kull sid ieħor trid timtela folja addizzjonali separata.

Fit-Taqsima C indika l-ammont ta' flus kontanti li jkun proprjetà tal-portatur.

Indika fis-Subtaqsimiet D.1 u D.2 il-provenjenza ekonomika u l-użu maħsub tal-flus kontanti li jkunu proprjetà tal-portatur.

B.4: Il-portatur huwa r-riċevitur maħsub ta' parti mill-flus kontanti: Indika meta l-portatur ikun ukoll ir-riċevitur maħsub ta' parti mill-flus kontanti. Għal kull riċevitur maħsub ieħor trid timtela folja addizzjonali separata.

Fit-Taqsima C indika l-ammont ta' flus kontanti li għandu jirċievi l-portatur.

Indika fis-Subtaqsima D.2 l-użu maħsub tal-flus kontanti li għandu jirċievi l-portatur.

B.5: Sid ieħor li huwa wkoll riċevitur maħsub ta' parti mill-flus kontanti (minbarra l-portatur): Agħżel meta jkun hemm aktar minn sid wieħed, u kull sid li huwa wkoll ir-riċevitur maħsub tal-flus kontanti. Għal kull sid ieħor li huwa wkoll riċevitur maħsub tal-flus kontanti trid timtela folja addizzjonali separata.

Fit-Taqsima C indika l-ammont ta' flus kontanti fil-pussess u li għandu jirċievi s-sid u r-riċevitur maħsub.

Indika fis-Subtaqsimiet D.1 u D.2 il-provenjenza ekonomika u l-użu maħsub tal-flus kontanti li huma proprjetà tas-sid u tar-riċevitur maħsub.

Id-dettalji tas-sid u tar-riċevitur maħsub iridu jimtlew fis-Subtaqsima E.1 jekk ikunu persuna fiżika u fis-Subtaqsima E.2 jekk ikunu persuna ġuridika.

B.6: Sid ta' parti mill-flus kontanti (minbarra l-portatur): Agħżel meta jkun hemm iżjed minn sid wieħed. Għal kull sid ieħor trid timtela folja addizzjonali separata.

Fit-Taqsima C indika l-parti tal-flus kontanti fil-pussess tas-sid.

Indika fis-Subtaqsimiet D.1 u D.2 il-provenjenza ekonomika u l-użu maħsub tal-flus kontanti fil-pussess tas-sid.

Id-dettalji tas-sid jridu jimtlew fis-Subtaqsima E.1 jekk huwa persuna fiżika u fis-Subtaqsima E.2 jekk huwa persuna ġuridika.

B.7: Riċevitur maħsub ta' parti mill-flus kontanti (minbarra l-portatur): Agħżel meta jkun hemm aktar minn riċevitur wieħed maħsub. Għal kull riċevitur maħsub, trid timtela folja addizzjonali separata.

Indika fit-Taqsima C l-ammont ta' flus li għandu jirċievi r-riċevitur maħsub.

Indika fis-Subtaqsima D.2 l-użu maħsub tal-flus kontanti li għandu jirċievi r-riċevitur maħsub.

Id-dettalji tar-riċevitur maħsub iridu jimtlew fis-Subtaqsima E.1 jekk huwa persuna fiżika jew is-Subtaqsima E.2 jekk huwa persuna ġuridika.

Taqsima C: Dettalji tal-flus kontanti

"Flus kontanti" hija spjegata taħt l-"Informazzjoni ġenerali" fin-noti dwar kif għandha timtela d-dikjarazzjoni tal-flus kontanti.

Taqsima D: Il-provenjenza ekonomika u l-użu maħsub tal-flus kontanti

Immarka l-kaxxi biex tindika l-provenjenza ekonomika rilevanti u l-użu maħsub tal-flus kontanti kif indikat fit-Taqsima B. Tista' tagħżel aktar minn opzjoni waħda. Jekk ma tkun applikabbli l-ebda għażla, immarka l-kaxxa "oħrajn" u speċifika d-dettalji.

Taqsima E: Il-persuni involuti

Daħħal id-dettalji personali tal-persuni involuti. Dawn il-persuni jistgħu jkunu persuni fiżiċi jew ġuridiċi. Trid timmarka l-kaxxa adattata u timla d-dettalji.

Taqsima F: Firma

Iddikjara d-data, il-post, l-isem, il-firma u ehmeż il-folja addizzjonali mal-formola prinċipali tad-dikjarazzjoni tal-flus kontanti. L-informazzjoni kollha pprovduta tikkostitwixxi dikjarazzjoni waħda.

Parti 4

	DIKJARAZZJONI TA' DIVULGAZZJONI TA' FLUS KONTANTI — FOLJA ADDIZZJONALI L-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/1672		
	Għall-użu uffiċjali	**A. Numru tal-folja addizzjonali**	
	Numru ta' referenza		

B. Dettalji addizzjonali tal-folja (Immarka għażla waħda biss. Jekk ikunu applikabbli aktar għażliet, imla folji addizzjonali separati għal kull għażla addizzjonali)		
B.1	☐ Kontinwazzjoni tad-"Dettalji tal-flus kontanti"	→ Imla t-Taqsima C għal informazzjoni addizzjonali dwar il-flus kontanti
B.2	☐ Il-mittent huwa s-sid ta' parti mill-flus kontanti	→ Imla t-Taqsimiet C u D għall-ammont ta' flus kontanti fil-pussess
B.3	☐ Ir-riċevitur uniku huwa s-sid ta' parti mill-flus kontanti	→ Imla t-Taqsimiet C u D għall-ammont ta' flus kontanti fil-pussess u t-Taqsima E
B.4	☐ Ir-riċevitur jew ir-riċevitur maħsub li huwa s-sid ta' parti mill-flus kontanti	→ Imla t-Taqsimiet C u D għall-parti mill-flus kontanti fil-pussess u t-Taqsima E.
B.5	☐ Sid ta' parti mill-flus kontanti	→ Imla t-Taqsimiet C u D għall-ammont ta' flus kontanti fil-pussess u t-Taqsima E.
B.6	☐ Ir-riċevitur jew ir-riċevitur maħsub ta' parti mill-flus kontanti	→ Imla t-Taqsimiet C u D2 għall-ammont ta' flus kontanti li għandhom jiġu riċevuti u t-Taqsima E.

C. Dettalji tal-flus kontanti									
Munita (karti tal-flus u muniti)	**Valur**	**Munita**	**Valur**	**Munita**					
	1)		3)						
	2)		4)						
Strumenti negozjabbli għall-portatur	**Tip ta' strument negozjabbli għall-portatur**				**Valur**	**Munita**			
Komoditajiet użati bħala ħażniet likwidi ħafna ta' valur (jiġifieri deheb)	**Tip**	**Kwantità**	**Piż totali (fi grammi)**		**Valur**	**Munita**			

D. Provenjenza ekonomika u l-użu maħsub tal-flus kontanti (hija possibbli aktar minn għażla waħda f'kull Subtaqsima D1 u D.2)	
D.1. Provenjenza ekonomika	**D.2. Użu maħsub**
☐ Qligħ mix-xogħol (introjtu, irtirar, introjtu mill-intraprenditorija eċċ.) ☐ Qligħ kapitali (dividendi, profitti mill-investiment, imgħax, assigurazzjoni eċċ.) ☐ Bejgħ ta' proprjetà immobbli ☐ Bejgħ ta' proprjetà mobbli ☐ Self mogħti minn persuna fiżika ☐ Self mogħti minn entità legali (istituzzjoni ta' kreditu, bank jew kumpanija) ☐ Lotterija / logħob tal-azzard ☐ Rigal / donazzjoni ☐ Wirt ☐ Vjeġġ bejn istituzzjonijiet finanzjarji ☐ Oħrajn(speċifika)_____	☐ Spejjeż tax-xogħol (pagamenti tas-salarji, negozju ta' investiment eċċ.) ☐ Investiment kapitali (depożiti fil-kont bankarju, pagamenti tal-assigurazzjoni eċċ.) ☐ Fondi għax-xiri ta' propjetà immobbli ☐ Fondi għax-xiri ta' propjetà mobbli ☐ Ħlas lura ta' self mogħti minn persuna fiżika ☐ Ħlas lura ta' self mogħti minn entità ġuridika (istituzzjoni ta' kreditu, bank jew kumpanija) ☐ Lotterija / logħob tal-azzard ☐ Karità ☐ Flus lill-kaptan tal-vapur / flus kontanti abbord ☐ Vjeġġ bejn istituzzjonijiet finanzjarji ☐ Oħrajn (speċifika)_____

*Jekk applikabbli jew disponibbli. Jekk mhux applikabbli jew disponibbli, indika "M/A"

E. Persuni involuti					
E.1. ☐ Persuna fiżika				**E.2. ☐ Persuna ġuridika**	
Isem jew ismijiet				Isem	
Kunjom jew kunjomijiet				Numru tar-reġistrazzjoni	
Ġeneru	☐ raġel ☐ mara ☐ oħrajn			Isem ir-reġistru	
Data tat-twelid	JJ XX SSSS			Pajjiż tar-reġistrazzjoni	
Post tat-twelid	belt	pajjiż		Numru tal-identifikazzjoni tal-VAT*	
Dokument tal-ID	☐passaport	☐Karta tal-identità	☐oħrajn(speċifika)	Numru tar-Reġistrazzjoni u tal-Identifikazzjoni tal-Operaturi Ekonomiċi (EORI)*	
Numru tad-dokument tal-identità				Indirizz Triq* u numru*	triq / numru
Pajjiż tal-ħruġ				Belt	
Data ta' ħruġ	JJ XX SSSS			Kodiċi postali / ZIP*	
Nazzjonalità				Pajjiż	
Numru tal-Identifikazzjoni Personali*				Numru tat-telefon*	
Indirizz Triq* u numru*	triq	numru		Indirizz tal-email*	
Belt				**F. Firma**	
Kodiċi postali / ZIP*				**Niċċertifika li din il-folja addizzjonali hija parti integrali tad-divulgazzjoni ta' flus kontanti li magħha hija mehmuża.**	
Pajjiż				**Firma** **Isem min jiffirma:**	
Numru tat-telefon*					
Indirizz tal-email*				Data	JJ XX SSSS
				Post	belt / pajjiż

*Jekk applikabbli jew disponibbli. Jekk mhux applikabbli jew disponibbli, indika "M/A"

NOTI DWAR KIF GĦANDHA TIMTELA L-FORMOLA

Tagħrif ġenerali

In-noti dwar kif għandha timtela l-formola tad-divulgazzjoni tal-flus kontanti japplikaw hawnhekk ukoll.

Taqsima A: Numru tal-folji addizzjonali

Il-folji addizzjonali jridu jiġu nnumerati b'numri konsekuttivi (jiġifieri 1 fuq l-ewwel folja addizzjonali, 2 fuq it-tieni eċċ.).

Indika n-numru totali ta' folji addizzjonali użati fit-tieni paġna tal-formola tad-dikjarazzjoni tad-divulgazzjoni tal-flus kontanti.

Taqsima B: Dettalji tal-folji addizzjonali

Agħti r-raġuni għaliex imlejt il-folja addizzjonali. Għażla waħda biss trid tiġi mmarkata. Jekk ikunu applikabbli aktar għażliet, uża folja addizzjonali separata għal kull għażla.

B.1: Kontinwazzjoni tad-"Dettalji tal-flus kontanti": Agħżel din l-opzjoni biss meta l-ispazju disponibbli fit-Taqsima 3 "Dettalji tal-flus kontanti" fil-formola tad-dikjarazzjoni tad-divulgazzjoni ma jkunx biżżejjed għall-flus kontanti kollha. Imla t-Taqsima C u aqbeż it-Taqsimiet D u E.

B.2: Il-mittent u s-sid ta' parti mill-flus kontanti: Agħżel din l-għażla biss meta jkun hemm aktar minn sid wieħed tal-flus kontanti u wieħed minnhom huwa wkoll il-mittent tal-flus kontanti. Għal kull sid trid timtela folja addizzjonali separata.

Fit-Taqsima C indika l-ammont tal-flus kontanti fil-pussess tal-mittent.

Indika fis-Subtaqsimiet D.1 u D.2 il-provenjenza ekonomika u l-użu maħsub tal-ammont ta' flus kontanti fil-pussess tal-mittent.

B.3: Ir-riċevitur uniku huwa s-sid ta' parti mill-flus kontanti: Agħżel meta jkun hemm aktar minn sid wieħed u wieħed minnhom huwa wkoll ir-riċevitur uniku tal-flus kontanti. Għal kull sid addizzjonali trid timtela folja addizzjonali separata.

Fit-Taqsima C indika l-ammont ta' flus kontanti li jkun proprjetà tar-riċevitur uniku.

Indika fis-Subtaqsimiet D.1 u D.2 il-provenjenza ekonomika u l-użu maħsub tal-flus kontanti fil-pussess tar-riċevitur uniku.

B.4: Ir-riċevitur jew ir-riċevitur maħsub li huwa sid ta' parti mill-flus kontanti: Agħżel meta jkun hemm aktar minn sid wieħed li huwa wkoll ir-riċevitur (jew ir-riċevitur maħsub) tal-flus kontanti. Għal kull sid u/jew riċevitur (jew riċevitur maħsub) addizzjonali trid timtela folja addizzjonali separata.

Fit-Taqsima C indika l-ammont ta' flus kontanti li huma fil-pussess u li għandhom jiġu riċevuti mir-riċevitur.

Indika fis-Subtaqsimiet D.1 u D.2 il-provenjenza ekonomika u l-użu maħsub tal-flus kontanti li huma proprjetà tas-sid u tar-riċevitur (jew tar-riċevitur maħsub).

Id-dettalji tas-sid li huwa wkoll ir-riċevitur (jew ir-riċevitur maħsub) iridu jimtlew fis-Subtaqsima E.1 jekk ikun persuna fiżika u fis-Subtaqsima E.2 jekk ikun persuna ġuridika.

B.5: Sid ta' parti mill-flus kontanti: Agħżel meta jkun hemm iżjed minn sid wieħed Għal kull sid trid timtela folja addizzjonali separata.

Fit-Taqsima C indika l-ammont ta' flus kontanti li jkun proprjetà tas-sid.

Indika fis-Subtaqsimiet D.1 u D.2 il-provenjenza ekonomika u l-użu maħsub tal-flus kontanti fil-pussess tas-sid.

Id-dettalji tas-sid jridu jimtlew fis-Subtaqsima E.1 jekk huwa persuna fiżika u fis-Subtaqsima E.2 jekk huwa persuna ġuridika.

B.6: Ir-riċevitur jew ir-riċevitur maħsub ta' parti mill-flus kontanti: Agħżel meta jkun hemm aktar minn riċevitur (jew riċevitur maħsub) wieħed. Għal kull riċevitur (jew riċevitur maħsub), trid timtela folja addizzjonali separata.

Indika fit-Taqsima C l-parti ta' flus kontanti li għandu jirċievi r-riċevitur (jew ir-riċevitur maħsub).

Indika fis-Subtaqsima D.2 l-użu maħsub tal-flus kontanti li għandu jirċievi r-riċevitur (jew ir-riċevitur maħsub).

Id-dettalji tar-riċevitur maħsub iridu jimtlew fis-Subtaqsima E.1 jekk huwa persuna fiżika jew is-Subtaqsima E.2 jekk huwa persuna ġuridika.

Taqsima C: Dettalji tal-flus kontanti

"Flus kontanti" hija spjegata taħt it-Taqsima "Informazzjoni ġenerali" fin-noti dwar kif għandha timtela d-dikjarazzjoni tad-divulgazzjoni tal-flus kontanti.

Taqsima D: Il-provenjenza ekonomika u l-użu maħsub tal-flus kontanti

Immarka l-kaxxi biex tindika l-provenjenza ekonomika rilevanti u l-użu maħsub tal-flus kontanti kif indikat fit-Taqsima B. Tista' tagħżel aktar minn opzjoni waħda. Jekk ma tkun applikabbli l-ebda għażla, immarka l-kaxxa "oħrajn" u speċifika d-dettalji.

Taqsima E: Il-persuni involuti

Daħħal id-dettalji personali tal-persuni involuti. Dawn il-persuni jistgħu jkunu persuni fiżiċi jew ġuridiċi. Trid timmarka l-kaxxa adattata u timla d-dettalji.

Taqsima F: Firma

Iddikjara d-data, il-post, l-isem, il-firma u ehmeż il-folja addizzjonali mal-formola prinċipali tad-dikjarazzjoni tad-divulgazzjoni tal-flus kontanti. L-informazzjoni kollha pprovduta tikkostitwixxi dikjarazzjoni ta' divulgazzjoni waħda.

ANNESS II

PARTI 1

FORMOLA GĦALL-UŻU UFFIĊJALI
Ir-Regolament (UE) 2018/1672

(Għandha timtela u tinħemeż, skont iċ-ċirkostanzi fattwali, ma' dikjarazzjonijiet ex officio magħmula skont l-Artikolu 5(3), ir-reġistrazzjoni ta' informazzjoni skont l-Artikolu 6(1) jew l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2018/1672, u d-dikjarazzjonijiet miksuba skont l-Artikoli 3 u 4 ta' dak ir-**Regolament meta jkun hemm indikazzjonijiet li l-**flus kontanti jkunu relatati ma' attività kriminali)

Numru ta' referenza		Numru totali ta' folji	

DIKJARAZZJONI TA' FLUS KONTANTI		DIKJARAZZJONI TA' DIVULGAZZJONI TA' FLUS KONTANTI	
Nuqqas ta' dikjarazzjoni: **Dikjarazzjoni** ex officio **skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2018/1672**	☐	Dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' divulgazzjoni (skadenza ta' 30 **jum):** Dikjarazzjoni ta' divulgazzjoni ex officio **skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2018/1672)**	☐
Dikjarazzjoni skorretta/mhux kompluta: **Dikjarazzjoni** ex officio **skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2018/1672**	☐	Dikjarazzjoni ta' divulgazzjoni skorretta/mhux kompluta: Dikjarazzjoni ta' divulgazzjoni ex officio **skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2018/1672**	☐
Il-flus kontanti ma kinux disponibbli għall-kontroll: **Dikjarazzjoni** ex officio **skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2018/1672**	☐	**Il-flus kontanti ma kinux disponibbli għall-kontroll:** **Dikjarazzjoni** ex officio **skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2018/1672**	☐
Informazzjoni miksuba f'konformità mal-**Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2018/1672: Flus kontanti taħt il-**limitu ta' **EUR 10 000 fejn hemm indikazzjonijiet li l-flus kontanti huma** relatati ma' attività kriminali	☐	Informazzjoni miksuba f'konformità mal-**Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2018/1672: Flus kontanti taħt il-**limitu ta' **EUR 10 000 fejn hemm indikazzjonijiet li l-flus kontanti huma** relatati ma' attività kriminali	☐
Indikazzjonijiet li l-flus kontanti huma marbuta ma' attività **kriminali (l-Artikolu 10(1)(c) tar-Regolament (UE) 2018/1672)**	☐	**Indikazzjonijiet li l-**flus kontanti huma relatati ma' attività **kriminali (l-Artikolu 10(1)(c) tar-Regolament (UE) 2018/1672)**	☐
Indikazzjonijiet li l-flus kontanti huma relatati ma' **attività** kriminali li tista' taffettwa ħażin **l-interessi finanzjarji tal-UE (l-Artikolu 10(1)(c) u 10(2) tar-Regolament (UE) 2018/1672)**	☐	**Indikazzjonijiet li l-**flus kontanti huma relatati ma' attività kriminali li tista' taffettwa ħażin **l-interessi finanzjarji tal-UE (l-Artikolu 10(1)(c) u 10(2) tar-Regolament (UE) 2018/1672)**	☐

Detenzjoni temporanja	☐ **Iva**
Inbdew proċedimenti ta' penali	☐ **Iva**
Rimedju	☐ **Iva**

Modus operandi	
☐ Suspett ta' **ħasil tal-flus** ☐ **Sospensjoni tal-finanzjament tat-terroriżmu** **Dikjarazzjoni falza tal-**kwantità ta' flus kontanti ☐ **Aktar flus kontanti ddikjarati milli ġew ittrasportati** ☐ **Inqas flus kontanti ddikjarati milli ġew ittrasportati** ☐ **Preżentazzjoni ta'** dokumenti foloz/irregolari ☐ **Oħrajn (speċifika)**	**Deskrizzjoni:**

Ħabi		
Fuq persuni ☐ **Fil-ħwejjeġ** ☐ **Fiż-żraben** ☐ **Fuq il-ġisem** ☐ **Imdeffsin** ☐ **Miblugħin**	**Fil-bagalji** ☐ **Fil-bagalja li tinġarr** ☐ **Fil-bagalja taċ-check-in**	**Deskrizzjoni:**
☐ F'mezzi ta' trasport	☐ F'kunsinni ☐ F'reċipjenti ☐ **Oħrajn (speċifika)**	
☐ **Mhux maħbija**		

Firma u timbru tal-awtorità kompetenti	
Data	

PARTI 2

Formola għall-iskambju ta' informazzjoni dwar ir-riskju anonimizzata u r-riżultati tal-analiżi tar-riskju skont l-Artikolu 10(1)(d) tar-Regolament (UE) 2018/1672

A. DETTALJI TAT-TRAŻMISSJONI	
Stat Membru li qed jibgħat l-informazzjoni	
Awtorità kompetenti	
Email	
Numru ta' referenza	
Data	
Perjodu ta' referenza	

Informazzjoni dwar ir-riskju u riżultati tal-analiżi tar-riskju għall-perjodu ta' **referenza**	☐ **Iva**	☐ **Le**
L-għadd totali ta' paġni mibgħuta (inkluża l-Parti A)		

B. INFORMAZZJONI ANONIMIZZATA DWAR IR-RISKJU U RIŻULTATI TAL-ANALIŻI TAR-RISKJU FUQ IL-BAŻI TAL-KAŻIJIET			
☐	Flus kontanti akkumpanjati	☐	Flus kontanti mhux akkumpanjati
☐	Xejra ġdida	☐	Disinn ripetittiv osservat
Deskrizzjoni:		Deskrizzjoni:	
☐	Abbaż tar-riskju	☐	Verifika għall-għarrieda
Dettalji tal-każ(ijiet)			
Informazzjoni dwar il-flus kontanti			
Oħrajn			
Stampi mehmuża		☐ Iva	
Numru ta' stampi (jekk mehmuża)			

C. PROĠETTI SPEĊJALI MWETTQA			
Deskrizzjoni tal-proġett			
Dettalji / konklużjonijiet / rimarki			
Dettalji ta' każ ta' eżempju fil-kuntest tal-proġett			
☐	**Kontroll ibbażat fuq ir-riskju**	☐	**Verifika ġal ġarrieda**
Stampi mehmuża		☐ **Iva**	
Numru ta' stampi (jekk mehmuża)			

D. INFORMAZZJONI OĦRA	
Stampi mehmuża	☐ **Iva**
Numru ta' stampi (jekk mehmuża)	

NOTI DWAR KIF TIMTELA L-FORMOLA

Din il-formola trid timtela u tiġi trażmessa kull sitt xhur skont l-Artikolu 10(1)(d) u 10(5) tar-Regolament (UE) 2018/1672 dwar kontrolli fuq flus kontanti deħlin jew ħerġin mill-Unjoni Ewropea. Din trid tinkludi informazzjoni li l-Istat Membru jqis li twassal għal konklużjonijiet importanti jew twassal għal valur miżjud sinifikanti għall-ġestjoni tar-riskju u fejn it-theddida tista' tippreżenta riskju għoli x'imkien ieħor fl-UE.

Parti A

Indika l-Istat Membru li jibgħat l-informazzjoni, l-awtorità kompetenti rilevanti u l-indirizz tal-email.

Ipprovdi n-numru ta' referenza fil-format li ġej: Stat Membru, sena, A (għall-ewwel semestru) jew B (għat-tieni semestru).

Imla d-data u l-perjodu ta' referenza.

Indika jekk l-Istat Membru huwiex qed jikkondividi informazzjoni anonimizzata dwar ir-riskju u r-riżultati tal-analiżi tar-riskju għall-perjodu ta' referenza. Jekk le, allura l-Parti A biss għandha tittella' fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali (CIS).

Daħħal in-numru totali ta' paġni li qed jintbagħtu (inkluża l-Parti A).

Parti B

L-informazzjoni dwar ir-riskju anonimizzata u r-riżultati tal-analiżi tar-riskju li ma jistgħux jiġu rkuprati direttament permezz tas-CIS fuq il-bażi ta' każijiet individwali għandhom jiġu pprovduti f'din il-parti.

Indika jekk l-informazzjoni tikkonċernax flus kontanti akkumpanjati jew mhux akkumpanjati.

Indika jekk hemmx xejra ġdida jew xejra ripetittiva osservata u pprovdi aktar informazzjoni.

Xejra ġdida tfisser bidla osservata riċentement jew tendenza ġenerali fil-qasam tal-moviment fiżiku tal-flus kontanti.

Disinn ripetittiv osservat tfisser disinn jew sekwenza li hija rikorrenti. Indika jekk il-każ(ijiet) tar-rapportar kienx ir-riżultat ta' kontroll ibbażat fuq ir-riskju jew ta' verifika każwali.

Kontrolli bbażati fuq ir-riskju tfisser kontrolli li huma bbażati fuq il-kriterji tar-riskju tal-movimenti tal-flus kontanti, u speċifikament fuq l-analiżi tar-riskju bl-użu ta' tekniki ta' proċessar ta' *data*, bl-iskop li jiġu identifikati u evalwati r-riskji u jiġu żviluppati l-kontromiżuri meħtieġa, fuq il-bażi ta' kriterji żviluppati fil-livell nazzjonali, tal-Unjoni u, fejn disponibbli, internazzjonali.

Kontrolli każwali tfisser kontrolli mwettqa li mhumiex ibbażati fuq kriterji tar-riskju taċ-ċaqliq ta' flus kontanti.

Ipprovdi dettalji tal-każ(ijiet) *(pereżempju modus operandi speċjali fil-każ ta' każijiet simili, informazzjoni dettaljata dwar il-ħabi eċċ.)* dettalji dwar it-tip ta' flus kontanti (pereżempju karti tal-flus ta' denominazzjoni għolja eċċ.) u kwalunkwe informazzjoni oħra mhux nominali meqjusa importanti għall-kondiviżjoni.

Indika jekk hemmx stampi mehmuża u n-numru tagħhom.

Jekk ikun meħtieġ, il-Parti B tista' timtela diversi drabi għall-istess perjodu ta' referenza.

Parti C

Il-Parti C trid timtela meta l-Istat Membru jkun wettaq proġett orjentat lejn ir-riskju fil-qasam tal-kontrolli tal-flus kontanti fil-perjodu ta' referenza.

Iddeskrivi l-proġett li twettaq.

Ipprovdi informazzjoni dwar l-ispeċifiċitajiet tal-każ, il-konklużjonijiet milħuqa u kwalunkwe rimarki possibbli. *(pereżempju fuq il-perjodu, mezzi (pereżempju klieb li jxommu, skenn), l-iskala tal-kontrolli tiegħu, eċċ.).*

Ipprovdi informazzjoni dwar eżempju ta' każ jekk jitqies meħtieġ.

Indika jekk l-eżempju kienx ir-riżultat ta' kontroll ibbażat fuq ir-riskju jew ta' verifika każwali.

Indika jekk hemmx stampi mehmuża u n-numru tagħhom.

Jekk ikun meħtieġ, il-Parti C tista' timtela diversi drabi skont l-għadd ta' proġetti mwettqa għall-istess perjodu ta' referenza.

Parti D

Ipprovdi informazzjoni li hija meqjusa importanti li tiġi kondiviża, iżda ma tistax tiġi inkluża fil-Partijiet B jew C.

Indika jekk hemmx stampi mehmuża u n-numru tagħhom.